MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 111/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-18 ta’ Marzu 2008, li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti, wara li żżewġu fid-disgħa u għoxrin (29) ta’ Ġunju 1968, isseparaw permezz ta’ att pubbliku datat ħamsa u għoxrin (25) ta’ Settembru 1985 in atti Nutar Dottor Joseph Brincat;

2. Illi *ai termini* ta’ dan l-istess kuntratt, l-intimat obbliga ruħu li jħallas lil martu, l-esponenti, bħala alimenti s-somma ta’ għaxar liri Maltin (Lm10) fix-xahar – u ċioe’

ekwivalenti għal tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) – u dan in vista tal-fatt li l-mara kienet qiegħda taħdem;

3. Illi filwaqt li qablu li r-retta alimentari dovuta mill-intimat ma setgħet qatt tkun inqas minn dan l-ammont, il-partijiet qablu wkoll li dan l-istess ammont kellu jkun rivedibbli bi ftehim bejniethom jew mill-Qorti f'każ ta' kunflitt;

4. Illi *di piu'*, a tenur ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, l-intimat obbliga ruħu li jħallas lill-esponenti l-alimenti skond il-liġi fil-każ li hi titlef l-impjieg tagħha għal kwalsiasi raġuni u fil-fatt, illum hi tinsab bla impjieg *stante* li rtirat mix-xogħol minħabba l-eta';

5. Illi għaldaqstant l-esponenti hija tal-fehma li din ir-retta alimentari llum għandha tiġi varjata, u dan *stante* t-trapass taż-żmien u bidliet fiċ-ċirkostanzi;

6. Illi minkejja li l-intimat ġie interpellat diversi drabi sabiex issir ir-rettifikat meħtieġa fir-rata ta' manteniment dovuta, anke permezz ta' l-ittra tal-medjazzjoni bin-numru ____/____, hu baqa' inadempjenti;

7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, previa kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja, tvarja t-termini u d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni personali datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru 1985 in atti Nutar Dottor Joseph Brincat billi tordna lill-intimat iħallas lill-esponenti dik ir-retta ta' alimenti li tiġi fissata min din l-Onorabbli Qorti wara li tieħu kont tal-mezzi ta' l-intimat u l-bżonnijiet ta' l-esponenti, u dan taħt kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-proċeduri tal-medjazzjoni bin-numru ____/____ CD, kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fit-2 ta’ Ġunju 2008, li permezz tagħha espona:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-Lm10 fix-xahar, ekwivalenti għal €23.29, miftehma bejn il-partijiet permezz tal-kuntratt tal-25 ta’ Settembru 1985 ġew miftehma mhux sabiex iservu bħala manteniment iżda sabiex l-attriċi żżomm id-dritt li titlob mingħand il-konvenut manteniment adegwat f’każ li titlef l-impjief u d-dħul tagħha ma jibqax aktar adegwat.

2. Illi l-attriċi, li tgħix waħedha, għandha dħul adegwat għall-għixien tagħha filwaqt li l-konvenut, illum m’għadux impjegat għaliex laħaq l-eta’ tal-irtir u d-dħul tiegħu naqas drastikament għaliex jirċievi l-pensjoni tal-irtir u mhux aktar salarju.

3. Illi għalhekk fiċ-ċirkostanzi hemm lok li l-konvenut ma jħallasx aktar lill-attriċi s-somma ta’ €23.29 fix-xahar.

4. Illi l-esponent jiddikjara li jaf personalment bil-fatt fuq imsemmija.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits tal-partijiet u semgħethom in kontro-eżami;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Jannar 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Kif jidher mir-rikors promotur l-attriċi qed titlob varjazzjoni fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejniethom li ġie pubblikat

fl-1985 u dan billi l-Qorti żżid l-ammont ta' manteniment li l-konvenut iħallas permezz ta' dak il-kuntratt. Fil-fatt il-partijiet kienu ftehmu f'dak il-kuntratt illi:

*"Il-komparenti C B jobbliga ruħu li jħallas lil martu bħala alimenti, is-somma ta' għaxar liri Maltin fix-xahar u dan in vista tal-fatt li l-mara qegħda taħdem. Il-partijiet jaqblu li dan l-ammont huwa rivedibbli bi ftehim bejniethom jew mill-Qorti f'każ ta' konflitt, b'dana pero' li retta alimentarja ma għandha tkun qatt anqas minn dik miftehma in forza ta' dan l-att.*

*Inoltre f'każ li l-mara titlef l-impjieg tagħha għal kwalsiasi raġuni, allura r-raġel jobbliga ruħu li jħallasha l-alimenti skond il-liġi mid-data tat-telf ta' l-impjieg.*

Għandu jingħad illi, in ġenerali, l-artikolu 54 (7) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-manteniment jista' jiġi varjat jekk ikun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet iżda dan jirreferi għall-manteniment pagabbli lill-ulied u dixxendenti oħra u axxendenti u mhux bejn il-miżżewġin; ara s-sentenza **"Edward Galea vs Josephine Galea"** (Qorti ta' l-Appell 15 ta' Mejju 1998).

Fir-rigward tal-manteniment illi jkun ġie miftiehem bejn il-miżżewġin permezz ta' kuntratt f'separazzjoni konsenswali l-Qrati tagħna sa minn żmien **Sir Adriano Dingli** (Vol 9 paġna 463) dejjem irritenew illi manteniment iffissat minn kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jiġi varjat, differentement minn dak iffissat mill-Qorti. Dan il-punt ġie konfermat diversi drabi anke per eżempju taħt il-presidenza ta' **Sir Arturo Mercieca** fis-26 ta' Ottubru 1937 fejn intqal illi *l-leġislatur ried jagħti lis-separazzjoni personali konsenswali n-natura ta' veru kuntratt b'mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistgħux jiġu mibdula mingħajr il-kunsens komuni tal-partijiet il-klawsola dwar l-alimenti ma tistax tiġi modifikata mill-Qorti jekk ikun hemm oppożizzjoni minn waħda mill-partijiet.* (Vol 29.1.1121) Il-Qorti ma tħossx li għandha tissofferma iktar fuq dan il-punt fit-tul u tagħmel biss riferenza għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"C Grech vs Pauline Grech"** deċiża fis-16 ta' April 2004 fejn din il-kwistjoni ġiet

spjegata fit-tul. Hemmhekk il-Qorti filwaqt li kkonċediet li l-pożizzjoni tal-Qrati tagħna fir-rigward ma baqgħetx daqshekk riġida, ukoll ikkonkludiet li hemm differenza f'dan ir-rigward bejn manteniment miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni għal wieħed impost mill-Qorti. L-obbligu tal-manteniment f'kull każ ma joħroġx mill-fatt li dak li jkun ikun qed ikun jaħdem bi qliegħ iżda mill-istess liġi – ara s-sentenza **"Tabone vs Tabone"** (Prim Awla – 3 ta Ottubru 2003). L-artikolu 3 tal-Kodiċi Ċivili jgħid infatti illi: *"Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu kull waħda minnhom skond il-meżżi u l-ħila tagħhom li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ġid tal-familja."*
F'dan il-każ il-partijiet kienu ftehmu għal possibbilita' li l-attriċi titlef l-impjieg iżda din l-eventwalita' fortunatament ma seħħitx għaliex hija ħadmet sal-61 sena u issa għandha pensjoni ta' *circa* mitejn u ħamsin lira Maltin (Lm250) fix-xahar – *circa* ħames mija u tnejn u tmenin Ewro (€582). Il-konvenut issa huwa rtirat ukoll u għandu pensjonijiet li jwasslu għal total ta' *circa* elf u erba' mitt Ewro (€1,400) mensili. Il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-fatt li l-attriċi waqfet taħdem għaliex laħqet l-eta' pensjonabbli jfisser li għandu jiġi applikat dan l-artiklu fil-kuntratt in kwistjoni, għaliex huwa ċar li l-intendiment kien li l-konvenut iħallas *alimenti skond il-liġi* f'każ li l-attriċi titlef l-impjieg tagħha għal xi raġuni oħra; il-fatt li persuna tirtira għaliex laħqet l-eta' pensjonabbli ma jfissirx li tkun *tilfet* l-impjieg. Madankollu l-partijiet ftehmu wkoll li l-manteniment pagabbli kellu jkun rivedibbli mingħajr ma taw indikazzjoni taħt liema kondizzjonijiet din ir-reviżjoni setgħet issir. Il-Qorti biex tasal għal x'kellhom f'moħħhom il-partijiet meta għamlu dan il-ftehim tħoss li għandha tagħmel xi osservazzjonijiet.

L-ewwelnett l-ammont żgħir li l-konvenut obbliga ruħu li jħallas – għaxar liri Maltin (Lm10) anke dak iż-żmien kienet somma zgħira ħafna u ċertament li wieħed ma setax jgħaddi biha għal xahar!  Dan iwassal għall-konklużjoni li l-intiża kienet biex kemm jista' jkun iż-żewġ partijiet ikunu indipendenti finanzjarjament minn xulxin. Infatti huma indikaw dan bil-kliem *u dan in vista tal-fatt li l-mara qed taħdem.*  Fi kliem ieħor allura l-qliegħ tal-mara kien jippermettilha li tgħix tajjeb. Allura l-ħlas ta' għaxar liri

ma kien xejn ħlief wieħed nominali, intiż biex jissalvagwardja d-dritt tal-attriċi li tirċievi l-manteniment f'każ li titlef l-impjieg u x'aktarx ukoll id-dritt tagħha li tirċievi l-pensjoni ta' armla f'każ ta' predeċess tal-konvenut għaliex probabbilment dik il-pensjoni tkun akbar minn dik li tirċievi hi a bażi tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali tagħha. Għalhekk il-ħlas li obbliga li jagħmel il-konvenut kien wieħed nominali u mhux riflessjoni ta' dak li l-liġi tistipula bħala manteniment.

*Oltre* dan l-istess attriċi qatt ma talbet żieda fil-manteniment, u dan għal kważi tlieta u għoxrin sena. Naturalment għal ħafna snin kienet taħdem, iżda hija rtirat mix-xogħol *circa* sitt snin ilu, u kien propju fl-2008 li talbet din iż-żieda. Qed tagħmel dan għaliex skond hi għandha ħafna spejjeż mediċi u għax issa qegħda bil-pensjoni. Fin-nota ta' sottomisjonijiet tagħha qalet ukoll li l-mezzi tal-konvenut huma *bil-wisq aktar ampji u benestanti minn dawk (tagħha).* Hawnhekk il-Qorti tħoss li huwa doveruż li wiehed jiċċara li l-ħlas tal-manteniment iservi għall-*ikel, ilbies, saħħa u edukazzjoni* (artikolu 19 tal-Kap. 16) u mhux biex wieħed iqabbel id-dħul tal-partijiet u jipprova jġibhom jaqalgħu ndaqs kif donnha qed tissuġġerixxi hi. Il-ftehim sar fl-1985 meta ż-żewġ partijiet kienu jaħdmu u dakinhar ftehmu li l-konvenut iħallas għaxar liri Maltin (Lm10) – illum huwa minnu li l-attriċi m'għadhiex taħdem izda lanqas il-konvenut – it-tnejn huma pensjonanti u għalhekk wieħed ma jistax joqgħod iqabbel id-dħul tal-partijiet. Biex parti jkollha d-dritt għall-manteniment trid tissodisfa lill-Qorti li għandha bżonnu. F'dan il-kaz id-dħul ta' l-attriċi (bis-saħħa tal-ħidma tagħha stess) huwa dak ta' pensjonanta bħal dawk ta' eluf oħra ta' pensjonanti li jgħixu b'dik l-istess pensjoni u għalhekk ma tistax titlob li l-Qorti tordna ħlas ta' manteniment mingħand żewġha daqs kieku ma sarx il-kuntratt ta' separazzjoni fl-1985 li kien ipprovda ħlas ta' alimenti nominali għar-raġunijiet indikati aktar qabel.

Billi pero' l-partijiet kienu qablu li l-manteniment ta' għaxar liri Maltin (Lm10) kellu jkun *rivedibbli* (u dan apparti l-kwistjoni ta' jekk l-attriċi titlifx l-impjieg) il-Qorti tħoss ukoll dak li kien nominali fl-1985 illum sar irriżorju u għalhekk

għandha taċċetta li tgħolli dak l-ammont għal somma aktar konsonanti maż-żmien, iżda fl-istess waqt iżżomm f'moħħha li l-*punto di partenza* jkun dik is-somma nominali ta' għaxar liri. Għalhekk b'effett mill-1 ta Mejju 2009 il-Qorti se tordna illi dan il-ħlas ikun ta' erbgħin Ewro (€40) fix-xahar.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *ut sic* u tordna illi l-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' 40 Ewro (€40) fix-xahar b'effett mill-1 ta' Mejju 2009; l-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------